MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Numru.

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
FREDERICK DALLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frederick Dalli ta' 17 il-sena, iben Carmel u Alfreda nee Barbara, imwieled Pieta fit-12 ta' Novembru 1982 residenti fl-indirizz Block 7, Flat 2, Triq Wigi Rosato, Bormla detentur tal-karta tal-identita numru 619882M talli fis-27 t'Awissu 2000 ghal habta tad-9 ta' filghodu fil-Marsa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe makkinarju li jissupplixxi petrol jew diesel mill-Phoenix Service Station liema hsara tiskorrix il-hamsin lira maltin izda mhux il-hames mitt lira maltin, ghad-detriment ta' Emmanuele

Ciantar minn H'Attard, bi ksur tal-artiklu 325 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli sar ricediv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie ikkundannat ghal reat b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati li saret definittiva.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat flimkien ma siehbu mar f'Petrol Station sabiex permezz tal-automatic pumps jixtru il-petrol.

Illi wara li l-imputat ghadda Lm2 fil-magna din ghalkemm accettat il-flus, ma ssupplixxietx il-petrol.

Illi ghalhekk l-imputat ghadda Lm2 ohra fil-magna u ghal darba ohra din ma ssuplixxietx il-petrol.

F'frustrazzjoni l-imputat ta' daqqa ta' ponn fuq il-gemb tal-magna u wara din id-daqqa il-magna serviet b'kemm jiswa Lm2 petrol biss. Mitlub jghid jekk ghamilx xi hsara fil-magna l-imputat xhed:-
"mhux fil-gemb tajtielha – ma tajtiex daqqa ta' ponn qawwija daqqa wahda biss" – stqarrija dok JC a fol 13.

Illi mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur jirrizulta illi sid il-petrol station – Emanuel Ciantar – kien ghamel rapport li persuni mhux maghrufa kienu wettqu hsara fil-automatic fuel distributor u li dan inqabad fil-CCTV recording fejn persuna li beda jaghti bil-ponn u bis-sieq fuq il-pump.

Fix-xhieda tieghu fol 18-24 Emanuel Ciantar jirrizulta li ghamel rapport li persuna kienet tat daqqa ta' ponn fuq il-panel li dana kollu gie rrekordjat izda **dan il-video giet mhassar.**

Illi ghalhekk ghalkemm Ciantar informa lill-Qorti (fol 20) li kien f'posizzjoni illi jesebixxi il-video – dan in effett ma sarx.

L-anqas ma rrnexxielu jaghraf lill-imputat. Ciantar xhed illi l-panel tal-automatic fuel distributor giet miksura u li l-hsara kienet ta' Lm477.55 - kif jirrizulta min dok JC1.

Anthony Gauci, Manager tal-Associated Supplies Ltd – li jaghmel xoghlijiet ta' manutenzjoni tad-distributur awtomatiku. Xehed illi filwaqt li kienu kienu jaghtu service kull sitta jew tminn xhur fil-fatt imhabba il-hsarat ripetuti gew imsejjhin jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni xi 15 il-darba fis-sentejn li gew installati id-distributuri. (ara fol 26) Dan principalment ghaliex il-flus maltin – note paper – ma tinqatax ezatt u ghalhekk in-noti jehlu fil-magna.

Min-naha tieghu l-imputat xehed:- "Jekk jgib il-video li jiena tajt daqqa ta' ponn lill-kaxxa jiena inhallsu."

Illi l-imputat jinnega b'mod l-aktar vociferu illi huwa ta daqqa fuq il-panel u baqa jinsisti – **kif ghamel fl-istqarrija** – illi huwa ta' daqqa wahda biss fuq is-sieq tad-distributur.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatturi fuq esposti din il-Qorti ma jidhriliex illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi l-hsarat serji tali li ammontaw ghal Lm477.55 gew inflitti mill-imputat u **l-imputat biss**.

Illi f'kaz li Ciantar ghadda il-video kollu ta' dak il-lejl lill-pulizija u f'kaz li l-qorti kienet accertata li d-distributor ma kellux hsarat qabel dak il-lejl il-kaz kien jkun xort'ohra.

Izda Ciantar ghall-ragunijiet li jaf hu biss ghazel li ma jressaqx il-video bhala prova.

Illi in oltre l-imputat b'mod ferm u sod sfida lil Ciantar biex jesebixxi il-video tant kien cert li ma tahx daqqa fuq il-panel u ma tahiex bis-sieq.

Illi in oltre minhabba il-fatt illi s-sService Manager xehed li kien sewwa din il-magna (sforz l-frustrazzjoni tal-klijenti) ghal 15 il-darba f'sentejn wiehed ma jistghax jeskludi li l-hsara ma saritx minn xi klijent iehor ugwalment frustrat.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------